**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-12 ta' Mejju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

**(Kawża C-453/09)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Applikazzjoni ta' rata mnaqqsa — Annimali ħajjin normalment intiżi li jintużaw fil-preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali — Provvisti, importazzjonijiet u akkwisti ta' ċerti annimali ħajjin, b'mod partikolari, żwiemel)***

(2011/C 204/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou u B.-R. Killmann, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller u C. Blaschke, aġenti)

*Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues u B. Beaupère–Manokha, aġenti), Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: C. M. Wissels u M. Noort, aġenti)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 96 u 98, moqrija flimkien mal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Rata mnaqqsa — Provvista, importazzjoni u akkwist ta' ċerti annimali ħajjin (b'mod partikolari żwiemel) li ma humiex intiżi għall-preparazzjoni jew għall-produzzjoni tal-ikel għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali

**Dispożittiv**

(1) *Billi applikat rata mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti, għall-importazzjonijiet u għall-akkwisti kollha intra-Komunitarji ta' żwiemel, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 96 sa 98 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, moqrija flimkien mal-Anness III tagħha.*

(2) *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(3) *Ir-Repubblika Franċiża u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

([1]) ĠU C 24, 30.01.2010.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Mejju 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Marknadsdomstolen — l-Isvezja) — Konsumentombudsmannen vs Ving Sverige AB**

**(Kawża C-122/10)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2005/29/KE — Artikoli 2(i) u 7(4) — Komunikazzjoni kummerċjali ppubblikata f'gazzetta — Kunċett ta' stedina għax-xiri — Prezz inizjali — Informazzjoni li għandha tkun inkluża fl-istedina għax-xiri)***

(2011/C 204/17)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Marknadsdomstolen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Konsumentombudsmannen

*Konvenuta:* Ving Sverige AB

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Marknadsdomstolen — Interpretazzjoni tal-Artikoli 2(i) u 7(4)(a) tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, p. 22) — Avviż, ippubblikat f'ġurnal, dwar offerta promozzjonali indirizzata għall-konsumaturi dwar vjaġġi kollox inkluż għal destinazzjoni stabbilita għal perijodu determinat b'indikazzjoni ta' prezz inizjali — Kunċett ta' stedina għax-xiri — Rekwiżiti rigward informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-miżura ta' kummerċjalizzazzjoni ta' prodott

**Dispożittiv**

(1) *L-espressjoni "li għalhekk tippermetti l-konsumatur jagħmel xirja" fl Artikolu 2(i) tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal_Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali"), għandha tiġi interpretata fis-sens li stedina għax-xiri teżisti mill-mument li l-informazzjoni dwar il-prodott ikkummerċjalizzat u l-prezz tiegħu jkunu disponibbli biex il-konsumatur ikun jista' jieħu deċiżjoni kummerċjali, mingħajr il-ħtieġa li l-komunikazzjoni kummerċjali tkun tinkludi wkoll mezz konkret biex jinxtara l-prodott jew li din tidher viċin tali mezz jew meta jkun hemm tali mezz.*

(2) *L-Artikolu 2(i) tad-Direttiva 2005/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kundizzjoni dwar l-indikazzjoni tal-prezz tal-prodott tista' tkun sodisfatta jekk il-komunikazzjoni kummerċjali jkun fiha prezz inizjali, jiġifieri, il-prezz l-iktar baxx li għalih jista' jinxtara l-prodott jew il-kategorija ta' prodotti kkummerċjalizzati, minkejja li huma disponibbli f'verżjonijiet oħra, jew b'kontenut ieħor, bi prezzijiet li ma humiex indikati. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, skont innatura u l-karatteristiċi tal-prodott kif ukoll il-mezz tal-komunikazzjoni kummerċjali użat, jekk riferiment għal prezz inizjali jippermettix lill-konsumatur li jieħu deċiżjoni kummerċjali.*

(3) *L-Artikolu 2(i) tad-Direttiva 2005/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li rappreżentazzjoni verbali jew viżwali tal-prodott tista' tissodisfa l-kundizzjoni dwar l-indikazzjoni tal-karatteristiċi tal-prodott, inkluż f'każ fejn din l-istess rappreżentazzjoni verbali jew viżwali tintuża biex jiġi deskritt prodott disponibbli f'diversi verżjonijiet. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina, każ b'każ, billi tieħu inkunsiderazzjoni n-natura u l-karatteristiċi talprodott kif ukoll il-mezz ta' komunikazzjoni użat, jekk il-konsumatur għandux biżżejjed informazzjoni biex jidentifika u jiddistingwi l-prodott bil-għan li jieħu deċiżjoni kummerċjali.*

(4) *L-Artikolu 7(4)(a) tad-Direttiva 2005/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li jista' jkun biżżejjed li jiġu indikati biss ċerti karatteristiċi ewlenin tal-prodott, jekk fir-rigward tal-kumplament il-kummerċjant jirreferi għas-sit internet tiegħu, sakemm dan is-sit ikun fih informazzjoni importanti dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, il-prezz u l-kundizzjonijiet l-oħrajn skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, każ b'każ, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest tal-istedina għax-xiri, il-mezz ta' komunikazzjoni użat, kif ukoll in-natura u l-karatteristiċi tal-prodott, jekk is-sempliċi riferiment għal ċerti karatteristiċi ewlenin tal-prodott jippermetti lill-konsumatur li jieħu, b'mod informat, deċiżjoni kummerċjali.*

(5) *L-Artikolu 7(4)(ċ) tad-Direttiva 2005/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sempliċi indikazzjoni ta' prezz inizjali fl-istedina għax xiri ma tistax tiġi kkunsidrata, fiha nnifisha, li tikkostitwixxi ommissjoni qarrieqa. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk l-indikazzjoni ta' prezz inizjali hijiex biżżejjed sabiex ir-rekwiżiti dwar li jissemma l-prezz, kif stabbilit fl-imsemmija dispożizzjoni, jitqiesu li ġew sodisfatti. Din il-qorti għandha tivverifika b'mod partikolari jekk l-ommissjoni ta' metodi ta' kalkolu tal-prezz finali tipprekludix lill-konsumatur milli jieħu deċiżjoni kummerċjali informata u, konsegwentement, li ma twasslux sabiex jieħu deċiżjoni kummerċjali li kieku ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra. Hija għandha wkoll tieħu inkunsiderazzjoni l-limitazzjonijiet inerenti fil-mezz ta' komunikazzjoni użat, in-natura u l-karatteristiċi tal-prodott kif ukoll il-miżuri l-oħra li l-kummerċjant effettivament ħa biex jagħmel l-informazzjoni disponibbli għall-konsumatur.*

(1) ĠU C 113, 1.05.2010.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tad-19 ta' Mejju 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof — il-Ġermanja) — Mathilde Grasser vs Freistaat Bayern**

**(Kawża C-184/10)** (1)

***(Direttiva 91/439/KEE — Rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan — Permess tas-sewqan mogħti minn Stat Membru bi ksur tal-kundizzjoni ta' residenza — Rifjut ta' rikonoxximent mill-Istat Membru ospitanti bbażat unikament fuq il-ksur tal-kundizzjoni ta' residenza)***

(2011/C 204/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bayerischer Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Mathilde Grasser

*Konvenuta:* Freistaat Bayern

**Suġġett**

Talba għad deċiżjoni preliminari — Bayerischer Verwaltungsgerichtshof — Interpretazzjoni tal-Artikoli 1, 2 u 8(2) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 317) — Liċenzja tas-sewqan mogħtija minn Stat Membru lil ċittadina ta' Stat Membru ieħor li għandha r-residenza normali tagħha, fil-mument tal-għoti tal-liċenzja tas-sewqan, fuq it-territorju ta' dan l-Istat Membru l-ieħor u li qatt ma kienet suġġetta għal miżura ta' rtirar tal-liċenzja nazzjonali — Possibbiltà tal-Istati Membri li jirrifjutaw ir-rikonoxximent ta' liċenzja tas-sewqan mogħtija minn Stat Membru ieħor esklużivament abbażi tal-ksur tal-kundizzjoni ta' residenza

**Dispożittiv**

*L-Artikoli 1(2), 7(1)(b) kif ukoll 8(2) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar il-liċenzji tas-sewqan kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/65/KE, tas-27 ta' Ġunju 2008 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux Stat Membru ospitanti milli jirrifjuta li jirrikonoxxi fuq it-territorju tiegħu l-liċenzja tas-sewqan mogħtija minn Stat Membru ieħor, meta jiġi stabbilit, abbażi tal-informazzjoni li tinsab fuq din il-liċenzja, li l-kundizzjoni tar-residenza normali, prevista fl-Artikolu 7(1)(b) ta' din id direttiva, ma tkunx ġiet osservata. Il-fatt li t-titulari tal-imsemmija liċenzja ma jkunx suġġett, min-naħa tal-Istat Membru ospitanti, għall-ebda miżura fis-sens tal-Artikolu 8(2) tal-imsemmija direttiva huwa, irrelevanti, f'dan ir-rigward.*

(1) ĠU C 179, 03.07.2010.